MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 660/2013

**Untours Travel Ltd**
**C 580**

**Vs**

**Kunsill Lokali Paola**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet peress illi s-socjeta' attrici tahdem fil-kamp tal-ivjaggar u tiffri servizz ta' hrug ta' biljetti tal-ajru fost servizzi ohra;

Peress illi s-socjeta' attrici pprezentat servizzi lill-Kunsill intimat billi dan tal-ahhar xtara biljetti tal-ajru minghand l-istess socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-invoice hawn annessa u mmarkata bhala Dok. UTL1;

Peress illi l-Kunsill intimat huwa debitur tas-socjeta' attrci fl-ammont ta' tliet elef mitejn sitta u sittin ewro (€3,266.00) flimkien ma' l-interessi li llhom jakkumulaw sa' mis-16 ta' Gunju, 2011;

Jghid ghalhekk il-Kunsill intimat ghaliex din l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li l-Kunsill intimat huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tliet elef mitejn sitta u sittin ewro (€3,266.00);

2. Jikkundanna u jordna lill-istess Kunsill intimat ihallas is-somma ta' tliet elef mitejn sitta u sittin ewro (€3,266.00) lis-socjeta' attrici fi zmien perentorju moghti minn dan it-Tribunal;

Bl-ispejjez legali kollha, bl-interessi legali mis-16 ta' Gunju, 2011 jew minn data ohra kif stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess Kunsill intimat, bl-ingunzjoni tal-istess Kunsill in subizzjoni.

Il-Kunsill Lokali Paola pprezenta risposta fis-7 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati filfatt, fid-dritt u fil-mertu billi l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta kif ser ikun pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjezkontra s-socjeta' attrici.

Xehdet Tania Mallia in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li spjegat kif l-ammont gie dovut u pprezentat dokumenti relattivi.

Il-Kunsill Lokali Paola minkejja li nghata zmien sabiex iressaq il-provi tieghu naqas milli jaghmel.

Ghal din ir-raguni t-talba attrici giet ppruvata mix-xhieda mressqa mis-socjeta' attrici u ghalhekk jilqa' it-talba attrici u jikkundanna l-Kunsill Lokali Paola sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef mitejn sitta u sittin ewro (€3,266.00) . Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-Kunsill konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------